**Laqgha Numru 15/K6/2010**

**Introduzzjoni**

Il-Hmistax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar l-Erbgha 14 ta' Lulju 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

***Il-Kunsillier Joe Brincat kien skuzat minhabba li kien xoghol.***

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-6 ta' Lulju 2010. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 14/K6/2010.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 14/K6/2010.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Rapport Finanzjarju April – Gunju 2010.**

**10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**11. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 14/K6/2010.

1.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrefera ghal item 13.59 fejn irrimarka li huwa qatt ma kien ghajjar lill-Kunsillier Lauro Fava personalment u direttament korrott ghax huwa korrot bhala persuna, izda sostna li kien qal li min kien qed jaqbel ma' dik il-mozzjoni huwa korrott minhabba li ma kien hemm xejn bil-miktub dwar dak maqbul verbalment f'Dicembru 2009 izda ftehim bil-fomm biss.Jekk sar zball minnaha tal-Kunsillieri li tkellmu fuq is-suggett izda ma tnizzel l-ebda forma ta' qbil fil-laqgha mhux tort tieghu. Il-kelliem qal li l-intenzjoni tal-kummenti li ghamel huwa ma kienux direttament indirizzati lill-Kunsillier Lauro Fava izda lejn il-membri kollha tal-Kunsill li kienu ftehmu dakinhar u ma tnizzel xejn fil-minuti. Il-kelliem qal  li huwa mportanti li dak li qed jinghad jasal ghand id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali biex kullhadd jifhem dak l'irid isostni huwa (Vici Sindku).

1.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u tal-membri tal- -Kunsill li wara li l-Minuti jigu approvata bl-emendi jew korrezzjonijiet, dawn jintbaghtu mmedjatament lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

1.03. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li l-aggettiv 'korrott' li issemma mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien issemma ghal aktar minn darba u sostna li tant kemm huwa ihoss li kien dirett lejh li sahansitra qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ipponta subghajh lejh waqt l-imsemmija laqgha.

1.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa kien gie nfurmat fl-ahhar laqgha li anke l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet qablet ma' l-ghoti tan-nofs ta' nhari.

1.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg intervjena fejn qal li dan ma kienx minnu anzi huwa stess fl-ahhar laqgha kien informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet oggezzjonat ghall-proposta tas-Sindku li kienet saret f'Dicembru.

1.06. Hawn kemm is-Sindku Joe Zammit kif ukoll il-Kunsillier Lauro Fava kkonfermaw dan li fl-ahhar laqgha ma kienx hemm riferenza li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet qablet.

1.07. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-kumment li kien ghamel il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien fil-kuntest tad-diskussjoni li saret u dirett lejn il-Kunsillieri (inkluz is-Sindku) li ghalkemm kien tqajjem il-punt tan-nofs ta' nhari u kien hemm qbil fil-principju ma kien tnizzel xejn fil-Minuti, punt li qed jigi kkontestat mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

1.08. Il-Kunsillier Lauro Fava nsista li l-kelma korruzjoni ma tistax tigi definita u nterpretata kif qed jipprova jaghmel il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli. Il-kelliem tenna ukoll li l-ftehim li kien hemm f'Dicembru kien li jinhadem hin zejjed sabiex jekk il-Kunsill japprova aktar tard, il-haddiema jkunu jistghu jinghataw in-nofs ta' nhari kif fil-fatt gara bil-mozzjoni approvata f'Marzu.

1.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li meta f'Marzu l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat xliet lill-Kunsilliera hallelin ta' flus il-poplu meta gew approvati l-hinijiet tan-nofs ta' nhari, qal li hija kienet taf x'qed tghid minhabba li huwa ma kienx jaf li l-ftehim li kien hemm f'Dicembru ma kienx gie approvat jew imnizzel permezz ta' mozzjoni fil-laqghat tal-Kunsill qabel beda' jattendi huwa wara li gie mic-China.

1.10. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li dan ifisser li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli f'Marzu kien issekonda mozzjoni minghajr ma kien jaf fuq x'hiex qed jivvota.

1.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li dak li qed jghid huwa, huwa minnu, minhabba li ma kien hemm ebda mozzjoni fil-Kunsill fejn irrimarka ukoll li min huwa, huwa, li jaghti struzzjonijiet biex jinhadmu certu hinijiet tax-xoghol minghajr ma jkun hemm decizjoni formali fil-Kunsill.

1.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli lmenta li fil-Minuti tal-laqgha li ghaddiet is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ma nizzilx kumment li ghamel fil-konfront tieghu l-Kunsillier Lauro Fava fejn qal li dan qallu li bid-decizjoni li kien ha li japprova n-nofs ta' nhari lill-impjegati huwa kien qed ikun Socjalist aktar minnu.

1.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li l-kumment ma kienx tnizzel minhabba li b'responsabbilta' bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill ma hassx li kellu x'jaqsam mas-suggett. Il-kelliem qal li minnaha l-ohra l-kumment li qed jigi diskuss kien tnizzel fuq talba u nsistenza tal-Kunsillier Lauro Fava.

1.14. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li l-kumment dwar korruzzjoni kien talab huwa li jitnizzel minhabba li hija akkuza serja u akkuza pubblika.

1.15. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li bir-rispett kollu lejn l-Kunsillier Lauro Fava, huwa (Vici Sindku) ihoss li la l-Kunsillier Lauro Fava ma jafx x'ikun qed jaghmel fil-Kunsill meta f'Marzu wara l'issekonda mozzjoni tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, ivvota favur u wara ftit ivvota favur ukoll il-mozzjoni tas-Sindku li kienet bil-maqlub ta' dik proposta mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat. Il-kelliem qal li ghalieh dan jifmu li l-Kunsillier Lauro Fava m'ghandux principju. Il-kelliem qal l-istess gara meta kien hemm il-kwistjoni tal-kuntrattur tal-palm fejn qal li kien sar intopp biex spiccaw hafna mis-sigar mietu u spiccaw inqatghu mid-Dipartiment bi hlas u mhux mill-kuntrattur li kellu l-Kunsill.

1.16. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li min dak li qed jghid l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jidher li ma jafx xi tfisser il-kelma korruzzjoni apparti li ma jafx x'kien qed jghid minhabba wara li kien issekonda mozzjoni f'Marzu li ghadda, wara prova jmur kontra l-istess mozzjoni. Il-kelliem qal li rigward il-mozzjoni tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat l'ivvota maghha m'hemmx fhiex tiddubita ghax wara ivvota favur il-mozzjoni tas-Sindku u dan ghamlu wara li l-mozzjoni tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ma kienetx giet approvata.

1.17. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li l-argument tieghu kien dwar il-mozzjoni tad-9 ta' Marzu fejn talli fl-ahhar laqgha huwa beda jargumenta li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qed jibdel il-fehma tieghu dwar il-kuncett tan-nofs ta' nhari u kien hawn li allega li jekk huwa (Lauro Fava) jaqbel ma' l-impjegati qal li beda jigi akkuzat korrott. Il-kelliem qal li dan mhux kaz ta' korrezzjoni tal-Minuti izda ghandu jitlob skuza tal-kummenti li ghamel.

1.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-iskuza ghandha ssir mill-Kunsillier Lauro Fava ghax qed jiehu dan l-argumentfuqu personalment u mhux minnu

1.19. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-kumment tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghandu jittiehed fil-kuntest li ntqal u allahares kulhadd ghandu jiehu ghalih ghall-kummenti li jsiru waqt diskussjonijiet fil-laqgha.

1.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li lanqas is-Sindku Joe Zammit ma kien jaf x'kien gie miftiehem minhabba li lanqas kien jaf il-hinijiet li qed jahdmu l-impjegati.

1.21. Il-Kunsillier Lauro Fava rrimarka li jekk il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ma jirtirax il-kliem 'korrott' li huwa isostni li kien qal fil-konfront tieghu, allura ikun ifisser li qed jinsisti fuq l-allegazzjoni li kien ghamel.

1.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija la f'Dicembru 2009 u lanqas f'Marzu 2010 qatt ma qablet mal-kuncett tan-nofs ta' nhari minhabba li l-Ufficcju tal-Kunsill ser jinghalaq kmieni izda kienet talbet li jkun hemm roster. Il-kelliema talbet li tara kopja tat-time sheet ta' l-impjegati minhabba li ma kienx komdu ghal xi hadd li jsir punch clock ghall-impjegati. Il-kelliema qalet ukoll li ara ghall-kamera bis-sound saret biex isir spjunagg fuq il-Kunsilliera, fejn insistiet li l-Kunsilliera qed jigu spijati bil-kameras tal-Kunsill.

1.23. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill qatt ma zamm time sheet izda attendance sheet u talab lill-kullhadd biex ikun responsabbli ta' kliemu.

1.24. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-attendance sheet iffirmata mill-impjegati kollha tal-Kunsill.

1.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li skond l-opinjoni taghha din ma hiex time sheet u allura thoss l'ilhom dawn is-snin kollha fil-Kunsill jiehdu rikba fil-vojt.

1.26. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa ghal min kienet qed tirreferi l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li ma kienx komdu li jkun hemm punch clock.

1.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ma kelliex ghalfejn twiegeb minhabba li l-interess taghha ma kienx li l-impjegati ma jinghatawx in-nofs ta' nhari izda li r-resident ikun moqdi minhabba li jigu jsibu l-bieb maghluq. Il-kelliema qalet li dan huwa nuqqas ta' management. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghall-ftehim kollettiv fejn qalet li dan ma jghidx li n-nofs ta' nhari jridu jittiehdu minn Lulju sa Settembru u ghalhekk huwa bla bzonn li jirrikorru ghand l-Union. Il-kelliema qalet li hija ma tibzax minn Unions ghax qatt ma ghamlet vendikazzjonijiet lill-haddiema, pero' qalet li vendikazzjonijiet lilha qed isirulha fejn regghet irreferit ghas-sound tac-CCTV camera li hemm fl-ufficcju ta' l-iskrivani u staqsiet lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jekk is-sound kienx tnehha.

1.28. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li qatt ma kien hemm ebda mozzjoni approvatamill-Kunsill sabiex dan jitnehha. Il-kelliem qal li huwa qatt ma nghata rendikont jew struzzjoni ta' dak li kien gie diskuss fil-laqgha li kienet saret bejn il-Kunsilliera u l-kumpanija Infinite Fusion Technologies Ltd. dwar l-equipment ta' l-IT li ghandu nstallat il-Kunsill, ghall-liema laqgha huwa ma kienx mistieden li jattendi.

1.29. Fir-rigward tan-nofs ta' nhari, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-Union kienu akkuzaw lilu biss.li qed jahqar lill impjegati.

1.30. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-impjegati nkluz huwa ghandhom kull dritt li jkunu msiehba f'Union izda qal li sa fejn jaf huwa ma kien ebda lment personalizzat lejn xi membru tal-Kunsill.

1.31. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa qatt ma kien kontra l-introduzzjoni ta' punch / palm reader anzi kien huwa li kien talab lis-Sindku sabiex dan jigi ntrodott sabiex jispiccaw hafna diceriji nfondati. Il-kelliem qal li l-process kien waqaf wara li hadd ma wasal biex jipproponi persuni teknici sabiex jevalwaw il-proposti li kien hemm apparti l-fatt ukoll li l-ewwel finger reader li kien xtara l-Kunsill minn dejjem kien bil-problemi fejn irrimarka li s-Sindku Joe Zammit kien konxju u jaf bil-problemi li kien hemm. Dwar is-sound tal-kamera l-kelliem qal li din tinsab fl-ufficcju ta' l-iskrivani u mhux fir-reception fuq barra u ghalhekk kull ma jinstema' huwa dak li jghidu l-iskrivani lill-pubbliku, liema recording m'hemm ebda oggezzjoni ghalih la minnu u lanqas mill-iskrivani apparti li dan iservi ukoll t'evidenza f'kaz li jinqala' xi accident kif kien hemm fil-passat fejn saru diversi akkuzi nfondati u qarrieqa. Dwar l-attendance sheet il-kelliem qal li sa minn meta beda l-Kunsill dejjem inzammet attendance sheet l'ipprezenta u qatt ma ntalbet time sheet differenti matul dawn is-snin kollha tal-Kunsill, ghalkemm issa la nqala' dan l-argument b'effett minn ghada ser tibda trinzamm time sheet, xi haga li qal li ma kellu ebda problema ghaliha. Dwar il-ftehim kollettiv il-kelliem irrimarka li huwa qatt ma qal li l-ftehim kollettiv kien jesigi l-hinijiet tan-nofs ta' nhari ghajr ghax-xahar t'Awissu

1.32. Is-Sindku Joe Zammit qal li dwar il-punch clock il-pozizzjoni hija kif qal is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fejn il-Kunsilliera kienu mitluba li jsibu persuna teknika sabiex tevalwa l-offerti li kien hemm, l'izda hadd minnhom ma ha azzjoni u ghalhekk in-nuqqas kien tal-Kunsilliera u mhux tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem

qal li minnaha tieghu kien qal f'laqgha minnhom li fil-post tax-xoghol tieghu hemm palm reader.

1.33. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li la l-kamera ghanda s-sound din hija sabiex isir l-ispijar fejn qalet li jekk ma jsirx mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jista' jsir minn haddiehor. Il-kelliema qalet li qatt m'hija ser taccetta li tkun fil-Kunsill u tkun spijata.

1.34. B'riferenza ghall-kummenti li saru, s-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet ghall-palm reader kif ukoll immedjatament ghandu jitqabbad il-persuna li ghamlet l-installazzjoni tas-sound tal-camera ta' CCTV sabiex dan jitnehha.

1.35. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

1.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.37. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li kif kien gie diskuss qabel il-Kunsill ghandu jaghzel tabib mill-lokal sabiex jibda jintbaghat lill-impjegati li jirrapurtaw sick, bl-ispejjez tat-tabib jithallsu mill-Kunsill.

1.38. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

1.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.40. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona emenda ghal item 13.59 u ghad-diskors riferut lejn il-Kunsillier Lauro Fava fejn qal li d-diskors ma kienx qed jirreferi li l-Kunsillier Lauro Fava huwa personalment korrott.

1.41. Is-Sindku Joe Zammit issekonda fejn qal li l-kliem li ntqal kien f'kuntest differenti kif spjegat mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

1.42. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvotaw favur, il-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astejniet minhabba li ma kienetx prezenti.

1.43. Il-mozzjoni ghaddiet.

1.44. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrakkomanda li jkun ghaqli li kull membru tal-Kunsill ghandu jibda jirrekordja l-laqgha tal-Kunsill.

1.45. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-ligi ma ccahadx dan id-dritt.

1.46. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 14/K6/2010 kif emendati.

1.47. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.48. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvotaw favur, il-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astejniet minhabba li ma kienetx prezenti.

1.49. Il-mozzjoni ghaddiet.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 14/K6/2010.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 14/K6/2010 item 2.08 u ghall-Minuti 13/K6/2010 item 14.04 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li hija kienet tilfet il-lapel pin tad-deheb li kien provda l-Kunsill u ghalhekk kienet ipproponiet li tinxtara lapel pin

ohra ghaliha, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ircieva stima minghand F. Buttigieg Jewellers ghall-prezz ta' € 168.00 inkluz il-Vat.

2.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintalab stima minghand hwienet ohra nkluz li ssir forma /negattiva sabiex tinzamm mill-Kunsill u tintuza meta jkun hemm il-bzonn.

2.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 14/K6/2010 item 4.03 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li jsir komunikat ma' l-iskola Primarja Pembroke sabiex tintuza l-iskola kif ukoll li jekk jinsab sponsor l-attivita' issir mill-Kunsill u jekk le l-Kunsill jipprova li din issir flimkien mal-Kunsill Lokali San Giljan u Swieqi kif ukoll li tinkiteb ittra lill-MTA, lill-Onor. Mario de Marco u l-Onor. Dolores Cristina sabiex jghinu halli jinghataw mawra kulturali l-Belt minghajr hlas, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta t-talba ta' l-Iskola Primarja fejn talbu kontribuzzjoni ta' €100 ghall-uzu tas-sala kif ukoll li l-partecipanti ghandhom jinghataw reception ta' ikel malti fil-Kunsill wara li tintemm l-attivita'.

2.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li ghandhom jigu mistiedna ukoll il-kor li ha sehem f'Jum Pembroke.

2.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li f'din l-attivita' ghandu jkun hemm talent iehor lokali u ghalhekk ippproponiet li jintbaghat leaflet fid-djar tal-lokal halli l-Kunsill ikun jaf min huwa nteressat li jippartecipa.

2.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.11. B'riferenza ghall-Minuti 14/K6/2010 item 6.10 u ghall-korrispondenza numru 46/3570/10/I fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jqassam leaflet fid-djar wara li tinkiseb aktar informazzjoni minghand il-Pulizija dwar x'jista' jsir vis-a-vis iz-zamma ta' klieb fil-parapetti u l-inkonvenjent li joholqu, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s'issa ghad ma kien hemm ebda rispons minghand il-Pulizija.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 58/2010** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghal-Tender 02/2010 u Kwotazzjonijiet 10 u 11/2010 **(Ara dokument A); Internal Memo 59/2010** b'rapport tal-ftuh tal-kwotazzjonijiet 15/2010 **(Ara dokument B); Internal Memo 60/2010** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 14/K6/2010 u 15/K6/2010 **(Ara dokument C)** u **Internal Memo 61/2010** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 14/K6/2010 u 15/K6/2010. **(Ara dokument D)**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li qabel il-laqgha saret laqgha nformali mal-membri li ser ikunu fis-sotto kumitat ta' l-ambjent (Charles Bezzina, Charles Cesare,

Charles Theuma u Anthony Portelli) fejn mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qablu li l-ewwel laqgha formali ser issir nhar l-Erbgha 28 ta' Lulju 2010 fil-5.30pm.

4.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li jekk ser imexxi l-laqgha huwa dan ghandu jsir skond l-Ordnijiet Permanenti tas-Sitt Skeda ta' l-Att.

4.04. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill li taw is-sehem taghhom sabiex saru l-attivitajiet ta' Jum Pembroke.

4.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rringrazzja ukoll lill-impjegati nkluż lis-Segretarju Ezekuttiv. Il-kelliem ghamel riferenza ukoll ghall-laqgha li kellu f'Patti Messina dwar il-progett tal-MED fejn qal li fl-imsemmija laqgha gie deciz li l-laqgha li jmiss issir bejn il-15 u s-17 ta' Dicembru 2010 u ssir f'Pembroke u ghalhekk ippropona li meta jkun il-waqt u wara li jsir il-programm necessarju ghandhom jingabru l-kwotazzjonijiet kollha li hemm bzonn ghal din l-inizjattiva.

4.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

4.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

***4.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jigi skuzat fis-7.30pm u halla l-kamra.***

4.09. Il-Kunsillier Lauro Fava rrefera ghal Jum Pembroke fejn qal li kien iddispjacut li waqt il-Quddiesa l-Kappillan ma ghamel ebda riferenza ghal dan il-Jum.

4.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-Kappillan kien urtat li ghajr hija u r-ragel taghha hadd mill-Kunsill ma kien attenda ghall-Quddiesa tieghu fejn kien iccelebra l-25 sena tal-Quddiesa tieghu.

4.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet tkun taf ghala l-Pembroke Scouts ma kienux mistiedna sabiex jaghmlu l-isfilata bhas-snin li ghaddew.

***4.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rega' dahal fis-7.38pm.***

4.13. Is-Sindku Joe Zammit qal li Pembroke Scouts ma kienux gew mistiedna jippartecipaw u kull membru tal-Kunsill kien jaf b'dan.ghax tqassmet il-lista tan-nies li kienu ser ikunu mistiedna. Il-kelliem qal li kullhadd seta' jiftakar u jzid mal-lista.

4.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli lmenta li l-palk ma kellux back drop ghalkemm qal li wara sar jaf li suppost dan kellu jkun provdut mill-kuntrattur stess.

4.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-ispecifikazzjonijiet kollha ta' kull kuntrattur kienu gew ipprezentata lill-Kunsill.

4.16. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill ukoll dwar il-mawra li kellu f'Bergen fejn qal li wara diskussjoni li kellu mas-Sindku ta' Bergen dan kien infurmah li ser jergghu iqajmu l-proposta li jigi ffirmat Ftehim ta' Koperazzjoni mal-Kunsill Lokali Pembroke, liema ftehim kien diga gie approvat mill-Kunsill kemm ta' Bergen kif ukoll ta' Pembroke l'izda qatt ma kien gie ffirmat mill-Kunsill Lokali Pembroke minhabba elezzjonijiet f'Bergen u wara f'Pembroke fejn il-Kunsill kien stieden delegazzjoni minn Bergen sabiex izzur Pembroke u jsir l-iffirmar f'Malta fejn il-kelliem irrefera ghall-ittra/stedina ta' 2009 li ma setax jattendi minhabba impenji ta' Jum Ann Frank Commemoration li tahbat fl-istess jiem ma' Jum Pembroke.

4.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija kienet lesta li tissekonda proposta simili sabiex dan il-ftehiem jigi ffirmat.

4.18. Is-Sindku Joe Zammit li l-ahjar li l-Kunsill jistenna ill-Kunsill ta' Bergen biex jinfurmaw ufficjalment lill-Kunsill Lokali Pembroke dwar jekk ghadx iridu jiffirmaw il-ftehiem ta' partnership u issa naturalment il-Kunsill jitlob il-permess tad-Dipartiment.

4.19. Il-Kunsilliera prezenti qablu ma' dak diskuss.

4.20. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li meta kien Bergen kien xtara 2 kotba rigward l-istorja tal kamp ta' Bergen Belsen ghall-librerija tal-Kunsill u ppropona li jinghata r-rimburzar taghhom.

4.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.23. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li dawn il-kotba ghandhom jittiehdu minn vot li l-Kunsill ghandu jalloka kull sena ghal xiri ta' kotba ghall-librerija.

4.24. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-kwistjoni tal-hinijiet tax-xoghol ta' l-impjegati fejn qal li wara kjarifika li kien ghamel il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kif ukoll fid-dawl tal-Memo mahruga mid-Direttur Generali u ghall-mozzjoni approva mill-Kunsill lura fid-9 ta' Marzu, huwa, wara li kkonsulta u bl-approvazzjoni tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, tal-Kunsillier Lauro Fava u tal-Kunsillier Joe Brincat kien irtira d-direttiva fejn il-hinijiet kienu temporanjament gew sospizi sabiex b'hekk b'effett minn nhar it-Tnejn 5 ta' Lulju l-impjegati bdew jahdmu l-hinijiet tas-Sajf kif kien approva l-Kunsill.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-24 ta' Gunju u l-14 ta' Lulju 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/4342/10/I
09/07/2010
Ilment minghand Ms. Juanita Busuttil dwar grieden u bzonn ta' zabra tas-sigar li hemm biswit il-playing field ta' Triq William Harding kif ukoll talbet l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni mal-Kunsill Lokali San Giljan dwar il-bankina ta' Triq Emanuel Decelis.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4342/10/I** il-Kunsillier Lauro Fava xtaq ikun jaf x'passi ser jiehu l-Kunsill.

6.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-bankina li qed issir riferenza ghaliha tinsab fil-konfini tal-Kunsill Lokali San Giljan filwaqt li rigward is-sigar qed ikun hemm ilmenti ukoll li jistghu iservu ta' paraventu sabiex nies jistahbew warajhom sabiex jaghmlu affarijiet illeciti u/jew jissendikaw.

6.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li s-sigar ta' l-Oleander qed jikbru bhala hedge u ma jaqbilx li dawn jinzabru.

6.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li jigi nvestigat ilment li l-Kunsill ircieva minghand is-sinjura Cristina Suda ta' Plot 227, Triq l-Imhallef William Harding fejn ilmentat li hemm il-kaptelli jew il-bankina miksura fi Triq Emanuel Decelis u ppropon iet li jekk jista' jkun il-Kunsill jirranga l-hsara li hemm.

6.06. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ilmentat li l-Bus Shelter ta' Triq Gabriele Henin kien ghadu ma sarx.

6.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan kien ilu ftit mhux hazin li tlesta.

6.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jigi rrangat u jitkompla l-konkos li hemm mal-Bus Shelter kif ukoll li tehel sewwa t-tabella tal-Bus Stop.

6.11. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.13. Il-Kunsillier Lauro Fava rrefera ukoll ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand l-AKL fejn ippropona li l-Kunsill ghandu jindika l-Bus Shelter ta' Triq il-Mediterran li hemm faccata ta' Triq Fra Giuseppe Zammit li ghadu pendenti.

6.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn gdid fuq dawn is-suggetti.

## 8. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li Roccalumera ghandhom jigu nfurmata li t-tornament tal-futbol li qed isir kull sena din is-sena ghandu jsir bejn l-10 u t-13 ta' Settembru 2010 f'Roccalumera.

8.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-fond tal-Gemellagg kien kollu gie assorbit mill-progett tas-SEAP u ghalhekk bhalissa sakemm ma jkunx hemm decizjoni differenti m'hemmx fondi allokati. (minuti 07/K6/2010 item 1.01)

## 9. Rapport Finanzjarju April – Gunju 2010.

9.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ghall-perjodu April – Gunju 2010. **(Ara dokument E)**

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li r-rapport jigi approvat kif ipprezentat.

9.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinkiteb ittra lill-Onor. Chris Said bhala reminder dwar il-finanzjament ghall-Gbir ta' Skart fil-lokal.

9.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument F, G u H)**

10.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat oggezzjonat ghall-kont ta' Horace Enterprises Limited minhabba li l-midalji li saru ghal Jum Pembroke ma kienux prezentabbli u talbet li l-kont ma jithallasx.

10.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet dwar il-korrispondenza li ghaddiet mal-kumpanija Alternative Technologies Ltd. fejn staqsiet xi problemi kien hemm.

10.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg wiegeb li kif kien ircieva l-kont kien baghat e-mail lill-kuntrattur dwar xi affarijiet li ghadhom pendenti fosthom il-metering unit u li l-kont ghandu jkunipprezentat skond il-BOQ.

10.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr ta' Horace Enterprises Ltd. kif ukoll li l-kont ta' Alternative Technologies Ltd. ghandu jithallas wara li jkun iccertifikat mill-Perit tal-Kunsill.

10.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Materji ohra.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-korrispondenza 46/4056/10/I (Stima ta' l-installazzjoni ta' arbli bil-pannelli fotovoltajici Triq il-Kurunell Cocks u Pjazza Nazju Falzon) fejn ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha mal-MEUSAC sabiex tigi evalwata l-possibilita' li l-Kunsill japplika ghal xi programmi ta' l-EU sabiex isir street lighting jahdem b'energija alternattiva.

11.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jinzabru s-sigar li hemm f'St. Andrew's House.

11.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jikteb ittra lir-residenti ta' St. Patrick's, lil ta' Triq Gabriele Henin u Triq Madre Margherita de Brincat fejn jigu nfurmata li l-Ambaxxata Ciniza ghandhom hsieb li jibnu l-Bini ta' l-Ambaxxata quddiem is-St. Catherine's High School.

11.08. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s'issa l-Kunsill m'ghandu xejn ufficjali minghand l-Ambaxxata dwar dan l-izvilupp sakemm ma sarux xi diskussjonijiet ma xi membri tal-Kunsill li m'hemmx rendikont taghhom fil-Kunsill.

11.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tintbaghat ittra lill-EF Language School fejn jintalbu jaghtu aktar attenzjoni ghall-istudenti li qed ikun hawn fil-lokal kif ukoll li kopja ta' l-ittra ghandha tintbaghat lill-kap ta' l-iskola Primarja Kullegg Santa Klara, lil TEFAL, lill-Monitoring Board u lir-residenti ta' Triq Madre Margherita de Brincat.

11.12. Is-Sindku Joe Zammit issekonda

11.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jitwahhlu numru ta' bins fejn ikun jista' jigi depozitat il-hmieg tal-klieb specjalment fi Triq il-Mediterran. Il-kelliem qal li ser javvicina lid-Dipartiment tax-Xoghlijiet minhabba li ghandu nformazzjoni li dawn ghandhom numru ta' bins li mhux qed jaghmlu uzu minnhom u huma abbandunati.

11.15. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li hemm bzonn li tizdied it-tisqijja tas-sigar.

11.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn Lulju sa l-ahhar ta' Settembru hemm vot allokat ta' €2,800 kif ukoll li kull Bowser ilma qed jiswa lill-Kunsill € 55.00 jigifieri jistghu jintuzaw total ta' 50 bowser fi 13-il gimgha.

11.19. Fid-dawl ta' dan il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li t-tisqijja tas-sigar tibda ssir permezz ta' 3 bowsers ta' l-ilma.

11.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat

11.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrefera ghall-ammont ta' citazzjonijiet li qed johorgu l-Green Wardens lir-residenti tal-lokal specjalment dwar ir-rimi ta' skart fl-iskip li hemm fi Triq il-Mediterran fejn ippropna li l-Kunsill ghandu jitlob laqgha formali mal-Green Wardens li qed ikun hemm sabiex jigu ccarati diversi punti.

11.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irreferit ghall-ilment li ghamlet fil-jiem li ghaddew dwar kliem offensiv li hemm fuq it-tabella t'isem tat-Triq Mandalay, fejn hemm miktub – Enter at Your Own Risk. Il-kelliema qalet li kienet talbet li jsir rapport lill-Pulizija l'izda jidher li ma ttiehdux passi mill-Pulizija.

11.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li dik il-kitba kienet saret xhur ilu u talab li tithassar.

11.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet l'irceviet ilmenti li madwar u fil-bini ta' l-Ex Raffles qed jinzammu z-zwiemel u ppoponiet li jsir rapport lil Animal Welfare kif ukoll rapport iehor lill-MEPA li qed tinbena struttura tal-bricks ma' bini skedat u minghajr permess. Il-kelliema pproponiet ukoll li jsir rapport lid-Dipartiment ta' l-Artijiet li fil-grounds tal-Verdala International School qed ikun hemm gabbani tal-gelati fissa minghajr permess.

11.28. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

11.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.30. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-dawl tat-triq li taghti ghall-Pembroke Athleta u ta' Triq San Gorg Preca gew jiswew € 21,115.00, jigifieri l-Kunsill hareg € 1,115.00 apparti dawk allokati mill-Gvern.

11.31. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill meta ser isir il-launching tal-photovoltaic panels li gew installati fuq il-bini tal-Kunsill.

11.32. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-attivita' ghandha ssir lejn nofs Awwissu.

11.33. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.35. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien dahal ilment dwar gebel maqlugh u bank tal-konkos miksur fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta, liema gebel jidher li huwa ta' periklu.

11.36. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan il-gebel ghandu jitnehha mill-persuni assenjati mal-Kunsill mill-ETC u ser jingabar minnu u jiddisponi minnu huwa.

11.37. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill l'issir cirkulari lir-residenti fejn jigu nfurmata dwar li nhar ta' Tlieta mhux ser jibda jingabar skart fil-borza s-sewda izda skart riciklat biss.

***11.38. Is-Sindku Joe Zammit talab li jigi skuzat fid-9.10pm u halla l-kamra.***

11.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li nhar il-Gimgha 20 ta' Awwissu ssir attivita' ta' around Malta by boat u talab li jingabru l-kwotazzjonijiet mehtiega.

11.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.42. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghalaq il-laqgha fid-9.15pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 4 ta' Awwissu 2010 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |